## 5 ta' Novembru, 1956

### Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir L.A. Camilleri, Kt., LL.D., President;
Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;
Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.

**Maria Lourdes Bugeja** *versus* **Maria Stella Psaila et.**

**Deputazzjoni tal-Legati taż-Żwieġ — Amministratur tal-Legat — Sejħa fil-Kawża — Appell — Art. 960 tal-Proċedura Ċivili — Art. 4, 5 u 6, tal-Kap. 5**

*F'kawża li ssir bħala appell minn deċiżjoni tad-Deputazzjoni tal-Legati taż-Żwieġ quddiem il-Qorti tal-Appell tal-Maestà Tagħha r-Reġina, fejn il-kwistjoni tkun dwar il-pregradwabbilità tal-attriċi a preferenza tal-persuna pregradwata b'dik id-deċiżjoni, l-appell isir in kontestazzjoni tal-persuna pregradwata, u mhux tal-amministratur tal-legat. Dan għandu joqgħod dejjem għad-deċiżjoni tal-Qorti, indipendentement mill-assenza tiegħu fil-kawża. Għaldaqstant, mingħajru l-proċess huwa integru, u ma hemmx bżonn li jiġi msejjaħ fil-kawża.*

*Dana apparti mill-fatt illi kawża simili tinsab fl-istadju ta' appell: għax dan huwa appell minn deċiżjoni ta' kummissjoni kważi ġudizzjali, li tiddeċidi fuq il-pregradwazzjoni tal-konkorrenti u l-elezzjoni skond il-fondazzjoni, u taħt id-dispożizzjonijiet tal-liġi "more judicis", u għalhekk il-kawża tinsab fl-istadju tat-tieni istanza, fil-waqt li s-sejħa fil-kawża ta' terza persuna tista' tiġi ordnata biss f'Qorti tal-Ewwel Istanza.*

Il-Qorti—Rat id-deċiżjoni tagħha tas-16 ta' Marzu 1956, fejn jinsabu mniżżlin it-talba tal-attriċi u l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, u li biha dina l-Qorti ammettiet li jsiru provi dwar il-punt tal-povertà, u ġew riżervati l-ispejjeż għad-deċiżjoni finali;

Rat ir-rikors tal-attriċi, li biħ dina talbet li jiġi msejjaħ fil-kawża Ferdinando Fiott, u rat id-digriet tal-11 ta' Ottubru 1956, li biħ dina l-Qorti rriżervat li tipprovdi fuq dik it-talba fl-udjenza;

*Omissis;*

Ikkunsidrat, fuq it-talba għas-sejħa ta' Ferdinando Fiott fil-kawża;

Illi, kif jidher mill-verbal tat-18 ta' Ġunju 1956, dak Fiott huwa l-prokuratur tal-legat in kwistjoni, u l-attriċi trid issejjaħlu fil-kawża għax tgħid li l-legat ġie minnu mħallas lill eletti mingħajr ma huwa vverifika jekk kienx hemm proċeduri legali;

Ikkunsidrat;

Illi f'dina l-kawża l-kwistjoni hija biss fuq il-pregradwabbilità tal-attriċi a preferenza tal-konvenuti, u ebda talba ma hemm fuq il-ħlas tal-legat. Skond is-sezzjoni 6 tal-Kap. 5 tal-Liġijiet ta' Malta, l-appell li jsir mid-deċiżjoni tad-Deputazzjoni tal-Legati taż-Żwieġ isir in kontestazzjoni tal pregradwata, u mhux tal-amministratur tal-legat. Dan għandu joqgħod dejjem għad-deċiżjoni tal-Qorti, indipendentement mill-assenza tiegħu fil-kawża. Għaldaqstant mingħajru l-proċess huwa integru, u ma hemmx bżonn li jiġi msejjaħ fil-kawża;

Barra minn dan, huwa utili li jiġi rilevat li l-kawża tinsab fl-istadju ta' appell; għax dan huwa appell minn deċiżjoni ta' kummissjoni kważi-ġudizzjarja, li tiddeċidi fuq il-pregradwazzjoni tal-konkorrenti u l-elezzjoni skond il-fondazzjoni u taħt id-dispożizzjonijiet tal liġi "more judicis" (sez. 4, 5, Chap. 5 LL. ta' Malta), u għalhekk il-kawża tinsab fl-istadju tat-tieni istanza, fil-waqt li s-sejħa fil-kawża ta' terza persuna tista' tiġi ordnata biss f'Qorti tal-Ewwel Istanza (art. 960 Kodiċi Proċedura Ċivili);

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti tiċħad it-talba għas-sejħa fil-kawża ta' Ferdinando Fiott; bl-ispejjeż tal-inċident kontra l-attriċi.

---